# FIL-QORTI ĊIVILI

# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum l-Erbgħa 7 ta' Frar, 2024.**

**Kawża Nru. 5**

**Rik. Nru. 29/2020 ISB**

**Av. Henri Mizzi (K.I. 143565M) u b'digriet tat-8 ta' Novembru 2023 l-isem "Av. Henri Mizzi (K.I. 143565M)" ġie sostitwit bl-isem "Av. Marisa Vella (K.I. 397979M)" bħala mandatarju speċjali ta' Credit Suisse AG (numru ta' reġistrazzjoni CHE 106.831.974)**

**vs**

**INZ Trading Ltd (C 84054)**

**DIGRIET GĦAR-RIKORS TAL-AV. HENRI MIZZI BĦALA MANDATARJU TA' CREDIT SUISSE AG INTAVOLAT FIT-3 TA' FRAR 2023 SABIEX JINĦATAR AMMINISTRATUR PROVIŻORJU**

## Il-Qorti,

Rat ir-**rikors** tar-rikorrent l-Av. Henri Mizzi bħala mandatarju speċjali ta' Credit Suisse AG, intavolat fit-3 ta' Frar 2023 (fol 575) li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti:

> *"...taħtar amministratur provviżorju sabiex jamministra l-affarijiet tas-soċjetà intimata taħt dawk id-disposizzjonijiet kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha opportun li tagħti."*

Rat ir-risposta tas-soċjetà INZ Trading Ltd intavolata fis-7 ta' Marzu 2023 (fol 579).

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Novembru 2023, il-partijiet qablu li l-Qorti tagħti provvediment dwar l-istess rikors tat-3 ta' Frar 2023.

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-5 ta' Ġunju 2023, il-partijiet trattaw it-talba *de quo*.

Rat l-atti kollha.

## Ikkunsidrat

Illi permezz tar-rikors odjern ir-rikorrenti noe talbet lil din il-Qorti taħtar amministratur proviżorju għas-soċjetà intimata u fl-istess rikors elenkat ir-raġunijiet għal din it-talba.

Tispjega illi dan qed jintalab minħabba li s-soċjetà intimata għandha kull interess li ttawwal il-proċeduri u għalhekk hemm bżonn assigurazzjoni li ser jiġu salvagwardjati kwalunkwe assi tas-soċjetà intimata, kif ukoll il-kotba u d-dokumentazzjoni tagħha, biex b'hekk jiġu salvagwardati l-kredituri kollha tas-soċjetà intimata.

Tgħid illi sal-lum s-soċjetà intimata għadha qatt ma ppreżentat l-kontijiet finanzjarji tagħha u dan minkejja l-obbligi imposti mil-liġi stess dwar dan.

Issostni li għandha bżonn ta' assigurazzjoni wkoll li l-proċeduri esteri ser jitmexxew b'mod spedit u li mhux ser jiġu mxekklin sabiex l-istess proċeduri jitwalu bla bżonn.

Min-naħa tagħha s-**soċjetà intimata** tgħid li ma hemm l-ebda ħtieġa li jinħatar l-amministratur u din it-talba qed issir biss sabiex ixxekkel lis-soċjetà intimata milli tagħmel li hemm bżonn fil-proċeduri li għandha pendenti fil-konfront tar-rikorrenti noe ġewwa l-Iżvizzera.

Issostni li tali ħatra ser isservi biex iddewwem il-proċeduri pendenti kif ukoll sabiex tneħħi l-amministrazzjoni ta' INZ Trading Ltd sabiex ma jkunux jistgħu jittieħdu d-deċiżjonijiet neċessarji fil-konfront tal-bank rikorrenti.

Tgħid ukoll li mhux minnu li l-kontijiet finanzjarji tas-soċjetà intimata qatt ma ġew ippreparati u dana stante li l-istess kontijiet għas-snin 2021 u 2022 qed jiġu awditjati.

Fit-trattazzjoni tagħha s-soċjetà intimata tispjega li l-kumpanija m'għandha l-ebda assi u ħlief il-proċeduri pendenti fl-Iżvizzera m'għandha xejn. Oltre minn hekk, tinsisti li jekk kemm-il darba jinħatar amministratur dan m'għandux ikollu s-setgħat wesgħin li jamministra l-kumpanija fit-totalità.

## Ikkunsidrat ulterjorment

Ir-rikorrent noe qiegħda tibbaża t-talba tagħha fuq l-**Artikolu 228 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta** li jgħid testwalment hekk:

> ***228.*** *(1) Il-qorti tista' b'ordni taħtar amministratur provviżorju f'kull żmien wara li jkun ġie ppreżentat rikors għal stralċ u qabel ma tagħmel ordni għal stralċ, u jista' jkun maħtur jew l-uffiċjal riċevitur jew xi persuna oħra kompetenti.*
>
> *(2) L-amministratur provvizorju ghandu jaqdi dawk il-funzjonijiet u setghat dwar l-amministrazzjoni dwar l-estate jew in-negozju tal-kumpannija kif il-qorti tista` tispecifika fl-ordni li jahtru.*
>
> *(3) L-amministratur provvizorju jibqa` jzomm dik il-kariga sa dak iz-zmien li jsir ordni ghal stralc jew ir-rikors ghal stralc ikun michud sakemm ma jirrizenjax qabel dak iz-zmien jew ma jitnehhiex mill-qorti jekk tintwera raguni xierqa.*

Il-Qorti tirreferi għal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fid-deċiżjoni fl-ismijiet **HSBC Malta plc vs the Golden Shepherd Group Limited** deċiża fis-6 ta' Mejju 2020:

> *Mhuwiex l-iskop ta` provvediment bhal dak tal-lum illi taghmel konsiderazzjonijiet dwar il-mertu tal-kawza. Mhux sejra taghmel hekk anke ghaliex il-gbir tal-provi fil-mertu ghadu mhuwiex konkluz u wara li dak l-istadju jkun maghluq tkun trid tisma` jew taqra s-sottomissjonijiet tal-ahhar tal-partijiet u tal-intervenuti fil-kawza.*
>
> *Sabiex issir hatra ta` amministratur provvizorju mhux rikjest li l-qorti tqis ir-ragunijiet fil-mertu li jkun gab ir-rikorrent imma hija decizjoni tal-qorti li trid tkun dettata mill-fatti u cirkostanzi tal-kaz. Hatra ta` din ix-xorta hija permessa fl-istadju ta` bejn il-prezentata tar-rikors fejn jintalab ix-xoljiment u l-istralc ta` kumpannija u l-istadju fejn il-qorti jew tilqa` jew tichad it-talba ghax-xoljiment u stralc. Mela l-fatt li qorti taghmel il-hatra m`ghandux jincidi fuq id-decizjoni finali dwar it-talba ; kif bil-maqlub, il-fatt li qorti ma taghmilx il-hatra jfisser li t-talbiet huma respinti.*
>
> *Fl-istess waqt sa ma taghti decizjoni dwar l-istanza tar-rikorrenti, u allura pendente lite, il-Qorti jrid ikollha s-serhan tal-mohh li l-amministrazzjoni u l-gestjoni finanzjarja tal-affarijiet tas-socjeta` intimata tkun kondotta tajjeb u b`mod trasparenti. Il-funzjoni ewlenija ta`amministratur provizorju ghandha tkun illi jippreserva l-assi kontra r-riskju ta` sparpaljar jew ta` tnaqqis fil-valur b`azzjoni tad-diretturi.*
>
> *-Ommiss-*
>
> *Bil-hatra ta` amministratur provizorju jigi preservat l-istat attwali tal-kumpannija ntimata sabiex jekk jigu ppruvati r-ragunijiet tal-kumpannija rikorrenti ghax-xoljiment, u l-Qorti taghmel ordni ta` stralc, il-kredituri kollha jitilqu lkoll mill-istess punt tat-tluq u kulhadd jiehu tieghu skont ix-xorta ta` l-kreditu ppruvat li jkollu. Ir-rwol u l-kompitu ta` amministratur provizorju mhuwiex dak ta` stralcjarju u ghalhekk huwa prekluz milli jiddisponi mill-assi.*
>
> *Fattur rilevanti ghall-fini tal-procediment odjern huwa l-htiega li bejn il-prezentata tar-rikors fejn jintalab ix-xoljiment u l-istralc*

*ta` l-kumpannija u l-punt fejn il-qorti jew tilqa` jew tichad it-talba, il-kondotta ta` l-affarijiet tal-kumpannija mis-sole director tkun hielsa minn ambigwita` sabiex il-qaghda tal-kumpannija la titgharraq u lanqas tkun ta` pregudizzju ghall-kredituri.*

*Il-htiega ta` kondotta tajba, effettiva u trasparenti mid-diretturi ssir imperattiva meta l-kumpannija jkollha biss asset wiehed li jkun irid jaghmel tajjeb ghall-claims tal-kredituri fl-eventwalita` li l-qorti tordna x-xoljiment u tahtar stralcjarju biex jikkonduci l-istralc. Fl-istadju tant sensittiv li jghaddi bejn il-prezentata tar-rikors fejn jintalab ix-xoljiment u l-istralc ta` l-kumpannija u l-punt fejn il-qorti jew tilqa` jew tichad it-talba, il-kompitu tad-direttur jew tar-rapprezentant tal-kumpannija ghandu, jekk ikun il-kaz, li jiddefendi l-interess tal-kumpannija mit-talba ghad-dikjarazzjoni ta` xoljiment u stralc, izda fl-istess waqt li ma jaghmel xejn li bih jippregudika l-valur tal-asset sakemm il-qorti tipprovdi finalment.*

Applikat dan l-insenjament għal każ odjern, jirriżulta li s-soċjetà intimata, għalkemm ikkonfermat il-kreditu tas-soċjetà rikorrenti, għandha proċeduri pendenti fil-konfront tar-rikorrenti noe fejn l-allegat kreditu jista' jeċċedi dak dovut lir-rikorrenti noe.

Jirriżulta li s-soċjetà intimata qed tammetti u tiddikjara b'mod kategoriku li m'għandha l-ebda assi u għadha attiva solament minħabba l-istess proċeduri.

Jirriżulta wkoll li s-soċjetà intimata ma ssottomettietx id-dokumentazzjoni rikjesta bil-liġi lir-Reġistratur tal-Kumpaniji, fatt li ma ġie kontradett bl-ebda mod mis-soċjetà intimata, ħlief illi ngħad illi l-*accounts* kienu jinsabu għand l-awditur.

Din il-Qorti tqis, fir-rigward tal-proċeduri fl-Iżvizzera, illi amministratur provviżorju maħtur hawnhekk żgur illi mhux ser ikun jista' jikkontrolla l-proċeduri fl-Iżvizzera b'tali mod illi ma jkunx hemm ħin moħli. Dan qed jingħad mhux biss għaliex huwa preżunt illi l-Qorti stess ma tittollerax tali aġir, imma fuq kollox peress illi s-soċjetà rikorrenti stess hija parti għal dawk il-proċeduri u allura ċertament illi ħadd aħjar minnha stess ma tista' tara l-andament ta' dawk il-proċeduri b'kontroll fuq l-istess proċeduri.

Inoltre, fid-dawl tad-dikjarazzjoni magħmula mir-rappreżentant tas-soċjetà intimata INZ Trading Limited, ossia, *"il-kumpannija bhala assets ma*

*ghandha xejn ghanda passiv abbazi tas-sentenza tan-naha l-ohra. Mela, jekk il-Qorti fl-Izvizzera tichad it-talba ta' din in-naha, ir-realta' x'inhi? Jien ser nigi hawn u nammetti t-talba, qed inkun car u leali ghax at that point ma nista' nghid xejn iktar hlief illi hemm sentenza u li din in-naha ma ghandiex pretensjonijiet jew aspettattivi ta' xi kreditu fil-konfront tal-parti l-ohra."* – il-Qorti tqis illi jkun superfluwu illi jinħatar amministratur provviżorju sabiex *jaqdi dawk il-funzjonijiet u setghat dwar l-amministrazzjoni dwar l-estate jew in-negozju tal-kumpannija* – li ma jirriżultax illi hemm.

Dan magħdud, il-Qorti qed tagħmilha ċara, fid-dawl ta' dan il-provvediment imma wkoll fid-dawl tal-provvediment l-ieħor mogħti llum stess fir-rigward tas-sospensjoni ta' dawn il-proċeduri, illi għaliex mhux ser jinħatar amministratur provviżorju, dak ma jfissirx illi l-uffiċjali tal-kumpanija intimata INZ Trading Limited qed jingħataw xi *carte blanche* biex jagħmlu illi jridu.

Il-Qorti qed twissi lill-uffiċjali kollha tas-soċjetà intimata illi sakemm il-proċeduri fl-Iżvizzera jkunu għadhom pendenti u sakemm dawn il-proċeduri odjerni ma jiġux konklużi, huma għandhom jassiguraw illi l-kumpanija topera b'mod ġust u sewwa u tonora l-obbligi kollha tagħha statutorji, mhux lanqas is-sottomissjoni ta' *audited accounts* u inkartament u dokumentazzjoni oħra relattiva lill-MBR.

**GĦALDAQSTANT, għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti qed tgħaddi biex tiċħad it-talba tas-soċjetà rikorrenti tat-3 ta' Frar 2023 għall-ħatra ta' amministratur provviżorju.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**